DIPARTIMENT GĦALL-KURRIKULU,
TAGĦLIM TUL IL-ĦAJJA U IMPJEGABILITÀ
Id-Direttorat għall-Programmi ta' Tagħlim u Assessjar
It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv

Ġ

L-Eżamijiet Annwali għall-Iskejjel Sekondarji 2022

IL-ĦDAX-IL SENA IL-ĠEOGRAFIJA (Ġenerali) L-ISKEMA TAL-MARKI

<table>
<tr><th>Numru tal-mistoqsija</th><th>Marki</th><th>Tqassim tal-marki</th><th>Tweġibiet</th></tr>
<tr><td>1</td><td>4</td><td>2 marki x 2</td><td>Klima: il-kundizzjoni medja tal-arja għal perjodu twil ta' żmien.
Temp: il-kundizzjoni tal-arja bħat-temperatura, il-qawwa u d-direzzjoni tar-riħ, l-umditá u l-pressjoni tal-arja, għal perjodu qasir ta' żmien.</td></tr>
<tr><td>2</td><td>8</td><td>marka x 8</td><td>
<table>
<tr><th colspan="2">Is-sajf</th></tr>
<tr><td>It-temperatura</td><td>35°C</td></tr>
<tr><td>Il-forza tar-riħ</td><td>Forza 1</td></tr>
<tr><td>Ix-xita</td><td>0 mm</td></tr>
<tr><td>Il-pressjoni tal-arja</td><td>1040 mb</td></tr>
</table>
<table>
<tr><th colspan="2">Ix-xitwa</th></tr>
<tr><td>It-temperatura</td><td>15°C</td></tr>
<tr><td>Il-forza tar-riħ</td><td>Forza 7</td></tr>
<tr><td>Ix-xita</td><td>30 mm</td></tr>
<tr><td>Il-pressjoni tal-arja</td><td>998 mb</td></tr>
</table>
</td></tr>
<tr><td>3 (a)</td><td>6</td><td>marka x 6</td><td>
<table>
<tr><th></th><th>L-isem tal-istrument</th><th>X'ikejjel jew x'juri</th></tr>
<tr><td>A.</td><td>Pinnur</td><td>Id-direzzjoni tar-riħ</td></tr>
<tr><td>B.</td><td>Anemometru</td><td>Is-saħħa tar-riħ</td></tr>
<tr><td>C.</td><td>Pluvjometru</td><td>L-ammont ta' xita</td></tr>
</table>
</td></tr>
<tr><td>3 (b)</td><td>4</td><td>2 marki x 2</td><td>i. huwa abjad biex jirrifletti s-sħana tax-xemx.
ii. huwa maqtugħ mill-art biex it-temperatura tal-art ma teffettwax it-temperatura tal-arja.</td></tr>
<tr><td>4 (a)</td><td>5</td><td>marka x 5</td><td>
<table>
<tr><td>i.</td><td>Falz</td></tr>
<tr><td>ii.</td><td>Veru</td></tr>
<tr><td>iii.</td><td>Veru</td></tr>
<tr><td>iv.</td><td>Falz</td></tr>
<tr><td>v.</td><td>Falz</td></tr>
</table>
</td></tr>
<tr><td>4 (b)</td><td>6</td><td>2 marki x 3</td><td>i. Fattur ewlieni li jeffettwa l-klima hija l-latitudni.
iv. It-temperatura tonqos meta titla' fuq muntanja.
v. Postijiet li huma qrib il-poli huma ġeneralment iktar kesħin minn postijiet li huma qrib l-Ekwatur, jew
Postijiet li huma qrib l-Ekwatur huma ġeneralment iktar sħan minn postijiet li huma qrib il-poli.</td></tr>
</table>

<table>
<tr><td>5</td><td>5</td><td>marka x 5</td><td>tevapora
togħla ’l fuq
jikkondensa
sajjetti
konvezzjonali</td></tr>
<tr><td>6 (a)</td><td>2</td><td>2 marki</td><td>Dipressjoni (ċiklun)</td></tr>
<tr><td>6 (b)</td><td>2</td><td>2 marki</td><td>baxxa</td></tr>
<tr><td>6 (c)</td><td>2</td><td>2 marki</td><td>kontra l-arloġġ</td></tr>
<tr><td>6 (d)</td><td>3</td><td>3 marki</td><td>Temp imsaħħab (marka), b’ħalbiet tax-xita (marka) u b’temperatura kemxejn baxxa/friska jew riħ qawwi (marka).</td></tr>
<tr><td>7 (a)</td><td>4</td><td>2 marki x 2</td><td>Tnejn minn:
Kalifornja
Iċ-Ċentru taċ-Ċili
L-Afrika t’Isfel
Id-distretti ta’ Perth u Adelaide fl-Awstralja (jew in-nofsinhar tal-Awstralja)</td></tr>
<tr><td>7 (b)</td><td>5</td><td>marka x 5</td><td><table><tr><td>i.</td><td>sħun, bix-xita</td></tr><tr><td>ii.</td><td>Punent</td></tr><tr><td>iii.</td><td>n-nixfa</td></tr><tr><td>iv.</td><td>silġ</td></tr></table></td></tr>
<tr><td>8</td><td>8</td><td>2 marki x 4</td><td>
</td></tr>
<tr><td>9 (a)</td><td>6</td><td>3 marki x 2</td><td><table><tr><td>i.</td><td>Speċi li jinsabu fil-periklu li jinqerdu u jispiċċaw għal kollox.</td></tr><tr><td>ii.</td><td>Il-varjetà ta’ speċi differenti li jgħixu f’post partikolari.</td></tr></table></td></tr>
<tr><td>9 (b)</td><td>6</td><td>2 marki x 3</td><td>Massimu ta’ żewġ marki għal tlieta minn dawn l-attivitajiet:
• żvilupp ta’ bini ġdid f’ambjent b’valur ekoloġiku bħall-widien u x-xagħri;
• estensjonijiet ta’ barrieri tal-qawwi fix-xagħri;
• ir-ragħa żejjed jista’ jeqred pjanti indiġeni għal dejjem;</td></tr>
</table>

			• il-kaċċa u l-insib illegali jistgħu jeqirdu speċi protetti; • il-qtugħ ta' siġar, arbuxelli u pjanti, bħan-narċis u s-sagħtar; • il-qbid ta' speċi mhedda, bħall-qabru; • id-dħul ta' speċi aljeni li jkunu invażivi li jistgħu jikkompetu ma' pjanti indiġeni għall-ilma u nutrijenti fil-ħamrija; • ħlejjaq aljeni, bħall-bumunqar aħmar tal-palm, jistgħu jattakkaw u jeqirdu pjanti, siġar u ħlejjaq indiġeni; • użu mhux ikkontrollat ta' pestiċidi u erbiċidi jagħmlu ħsara lill-ispeċi ta' flora u fawna. *Aċċetta tweġibiet oħra tajbin.*
9 (c)	**6**	**2 marki x 3**	*Massimu ta' tliet marki għal tnejn minn dawn:* Dawn l-għaqdiet volontarji: • Jorganizzaw għadd ta' attivitajiet u korsijiet għall-pubbliku. • Joħorġu pubblikazzjonijiet biex jgħinu lill-pubbliku jsir jaf aktar dwar il-wirt naturali tal-gżejjer tagħna. • Jorganizzaw attivitajiet għall-istudenti biex jitgħallmu dwar l-ambjent naturali Malti kemm fir-riservi u anke ġol-iskejjel. • Xi għaqdiet ambjentali, jieħdu ħsieb xi wħud mir-riservi naturali. *Aċċetta tweġibiet oħra tajbin.*
9 (d)	**4**	**4 marki** **(Marka talli jsemmu riserva naturali u massimu ta' 3 marki skont id-dettal li jingħata)**	*Eżempji ta' tweġibiet li jistgħu jingħataw:* Ir-riserva naturali tal-Għadira jew tas-Salini (marka) għandhom ambjent ta' bur salmastru (marka) fejn ilma tax-xita jitħallat ma' ilma mielaħ (marka). Il-flora li tikber f'dan l-ambjent trid tkun tiflaħ għal tibdil fis-salinità matul is-sena (marka). *Aċċetta tweġibiet tajba oħra.*
9 (e)	**2**	**2 marki**	Ir-riservi naturali huma protetti bil-liġi minħabba li t-tip t'ambjent, flora u fawna li għandhom huma importanti għall-biodiversità tal-post jew għax għandhom importanza ġeoloġika. *Aċċetta tweġibiet tajba oħra.*
10 (a)	**4**	**2 marki x 2**	Il-masġar, ix-xagħri *Aċċetta ambjenti tajba oħra.*
10 (b)	**2**	**2 marki**	Għax jikbru fl-istaġun tax-xita. Ħafna mill-pjanti ma jifilħux għas-sħana u n-nixfa tas-sajf.
10 (c)	**6**	**3 marki x 2**	*Tnejn minn*: • weraq żgħir, iebes u folt biex ma taħkmux il-qilla tax-xemx u jnaqqas l-evaporazzjoni; • weraq ileqq u jiżloq li jnaqqas it-telf tal-ilma; • ċertu arbuxelli għandhom zokk tal-injam biex ma jitbilux fis-sajf; • weraq miksi b'ħafna xagħar irqiq biex inaqqas it-telf tal-ilma mill-pjanta; • weraq imlaħħam biex jaħżen l-ilma;

			• xi pjanti jieqfu mill-attività tagħhom fl-istaġun xott; • il-pjanti annwali jikbru, iwarrdu u jagħmlu ż-żerriegħa matul ir-rebbiegħa; • xi pjanti għandhom il-basla biex jaħżnu l-ilma fiha; • għeruq li jinżlu fil-fond ifittxu l-ilma. *Aċċetta tweġibiet oħra tajbin.*